MT

BANK ĊENTRALI EWROPEW

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tas-26 t'Ottubru, 2005,**

**lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea**
**dwar l-awdituri esterni tas-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland**

**(BĊE/2005/10)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artiklu 27.1,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Ewrosistema huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat ta' l-awdituri esterni ta' bħalissa tas-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland skada u mhux se jiġġedded. Jinħtieġ għalhekk jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2005.

(3) Is-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland għażlet lil Deloitte & Touche bħala l-awdituri esterni tagħha mis-sena finanzjarja 2005, u l-BĊE jikkunsidra li huma jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa għall-ħatra.

(4) Il-mandat ta' l-awdituri esterni se jkun għal tliet snin u jista' jiġġedded,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrikkmandat li Deloitte & Touche għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tas-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland mis-sena finanzjarja 2005 għal perjodu ta' tliet snin, bil-possibbilta` ta' estenzjoni.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fis-26 t'Ottubru, 2005

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET